MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2009

Appell Civili Numru. 17/2008

**Lennart u Suzannah Depasquale**

**vs**

**Saviour Zammit**

**Il-Qorti,**

Fis-27 ta' Novembru, 2008, l-Arbitru fic-Centru Malti ta' l-Arbitragg ippronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

"Dan huwa arbitragg mandatorju migjub mill-konjugi Depasquale kontra Saviour Zammit in konnessjoni ma' habta li sehhet fil-21 ta' Lulju 2008, bejn il-vettura tar-rikorrenti Fiat Brava numru LBP001 u dik misjuqa mill-intimat li hija vettura tal-Gvern bin-numru GVN326 L-incident gara fi Triq Sarria il-Floriana meta z-zewg vetturi kienu qeghdin jinstaqu fid-direzzjoni tal-Belt. F'dan l-

arbitragg ir-rikorrenti qeghdin jitlobu rizarciment ta' danni filwaqt li jzommu lill-intimat responsabbli ghall-incident.

L-intimat wiegeb illi kien Dr. Lennart Depasquale li b'sewqan hazin tieghu kkawwza l-incident.

L-arbitru zamm seduta wahda fl-4 ta' Novembru 2008 fejn instemghet ix-xhieda tas-surveyor Mark Micallef li kkonferma l-kontenut tas-survey li kien wettaq u li jinsab annessa mat-talba, kif ukoll ix-xhieda ta' Dr. Depasquale u s-Sur Zammit, is-sewwieqa tal-vetturi rispettivi.

Il-Provi

Jidher pacifiku bejn il-partijiet illi z-zewg vetturi kienu qed jinstaqu f'direzjoni wahda, il-vettura tal-intimat iktar 'l quddiem minn dik tar-rikorrent, meta f' hin minnhom l-intimat ried idur lejn il-lemin, u l-vettura ta' warajha dahlet go fih. Il-hsarat fil-vetturi huma hekk: Fil-vettura tar-rikorrent il-kantuniera tax-xellug ta' quddiem, u fil-vettura tal-intimat din qeghda fil-kantuniera tal-lemin ta' wara. Il-hsara fuq il-vettura tal-intimat hija negligibbli. Fuq il-vettura tar-rikorrent il-hsara hija vizibbli u trid tissewwa. Izda l-entita' tal-hsarat turi li l-impatt bejn il-vetturi kien wiehed hafif.

Fejn il-partijiet mhux qed jaqblu huwa fuq id-dinamika attwali tal-incident. Dr. Depasquale iddepona li qabel ma' l-intimat dar lejn il-lemin iz-zewg karozzi kienu imtarrgin b'hekk illi dik tal-intimat kienet 'l quddiem minn dik tar-rikorrent u fuq ix-xellug taghha. B'hekk skond Dr. Depasquale hu kien qieghed fuq il-lane tal-lemin u s-Sur Zammit kien qieghed fuq dik tax-xellug, in-naha tal-gnien pubbliku imsejjah Il-Mall tal-Floriana.

Is-Sur Zammit jghid illi hu kien qed isuq ukoll fuq il-lane tal-lemin u li l-karozza ta' Dr.Depasquale kienet direttament warajh.

Dr. Depasquale jghid illi l-intimat kien qieghed quddiemu xi tul ta' zewg karozzi meta qasamlu, u s-Sur Zammit jghid l-istess hlief ghal dak li gja ntqal supra dwar il-pozizzjoni

tal-karozzi fit-triq. B'hekk it-tezi (mhux enuncjata, imma pjuttost ovvja) tal-intimat hi li dan huwa semplici kaz ta' tamponament. Dr. Depasquale ovvjament ma jaqbilx.

Ghalhekk l-ewwel ezercizzju li jrid isir huwa li jigi stabbilit dak li attwalment sehh.

Meta wiehed jara r-ritratti bil-pozizzjonijiet rispettivi tal-karozzi u iktar importanti jara illi l-hsara fuq il-karozza ta' Dr. Depasquale hija fuq il-ponta ta' quddiem tax-XELLUG, ma jista' jitnissel l-ebda dubju ta' xejn illi verzjoni ta' Dr. Depasquale hija dik korretta. Li kieku l-verzjoni tas-Sur Zammit kienet dik korretta l-karozza ta' Dr. Depasquale QATT ma seta' kellha hsara fuq ix-xellug. Il-hsara kienet bil-fors tkun ikkoncentrata fuq il-lemin, ghax dak kien ikun l-iktar punt vicin bejn il-karozzi li kieku - kif jghid id-Sur Zammit - il-karozza l-ohra kienet ezatt warajh u laqtitu hu u jdur. Is-situs tal-hsarat juri li fil-mument tal-impatt il-karozza tal-intimat kienet gejja mix-xellug tar-rikorrent. Billi il-karozza tar-rikorrent tidher wieqfa thares dritt mal-axis tat-triq, ma hemm l-ebda kwistjoni li seta' kien Dr. Depasquale li bidel id-direzzjoni fuq is-Sur Zammit, u dan di fatti lanqas m'hu allegat mill-istess Sur Zammit. Dan ghalhekk ihalli biss l-alternattiva illi kien is-Sur Zammit li bidel id-direzzjoni tal-karozza tieghu mix-xellug ghal-lemin, u li dan ghamlu mhux kif qal hu, meta hu kien direttament quddiem il-karozza tar-rikorrent, imma meta hu kien f’ pozizzjoni lejn ix-xellug tar-rikorrent.

Stabbilit dan, irid jizdied illi s-Sur Zammit qal qabel ma dar, hu ra l-karozza l-ohra warajh b'xi zewg tulijiet ta' karozza, ghax rah mill-mera, hu umbaghad xeghel l-indicator u beda jdur. Dr. Depasquale jichad li ra indicator.

Konsiderazzjonijiet

L-obbligi ta' sewwieq li qed jibdel id-direzzjoni fit-triq huma w kienu minn dejjem skond il-gurisprudenza illi tali sewwieq irid jiehu hsieb li bil-manuvra tieghu huwa ma johloqx xkiel jew periklu lit-traffiku li jkun miexi ghad-dritt. Dan il-principju huwa elaborat fil-Highway Code f’ diversi paragrafi.

*193. You should:*
*• give clear signals in plenty of time, after establishing it is not misleading to signal at that time.*

*197. Before changing direction to the left, keep as much as possible to the left-hand kerb well in advance of the turning. If you wish to turn to the right, steer your vehicle as much as it is prudently possible to the centre of the road without, however, encroaching on the other half of the road. Do not swing out to the right before turning left, or vice versa.*

*198. In roads having more than one lane on each side, never switch abruptly to the right if you are on the left-hand lane, nor abruptly to the left if you are proceeding along the right-hand lane.*

***199. Before changing direction either to the left or right, you must invariably signal your intention to turn well in advance and make sure that it is safe to do so by looking in your mirror. Make sure that your direction indicator gives the signal intended and that it is cancelled immediately after use.***

Mix-xhiedha li ngabret ghandu jirrizulta illi qabel xejn l-intimat ghamel kambju ta' direzzjoni minghajr ma ha l-prekawzjoni preventiva li jersaq lejn il-lemin jew almenu lejn in-nofs qabel ma jdur lejn il-lemin. Jirrizulta wkoll li jew ma indikax l-intenzjoni tieghu, jew - fl-ahjar ipotezi ghalih - indika tard hafna - fi kliemu stess il-karozza ta' warajh kienet tul ta' zewg karozzi ‘l boghod meta indika u beda jdur. Din hija distanza ferm u ferm ravvicinata u indikazzjoni daqshekk tardiva ma taghtix il-preavviz mehtieg biex sewwieq ta' warajk jista' jiehu l-mizuri biex jevitak.

L-arbitru ma jara xejn hazin fis-sewqan ta' Dr. Depasquale li kien qed isuq fid-dritt u b'velocita' moderata, u ghalhekk dan ma kkontribwiex ghall-incident.

Isegwi illi l-intimat huwa unikament responsabbli ghall-incident.

Danni

Ir-rikorrenti wrew permezz ta' surveyor indipendenti illi l-ispiza taghhom biex isewwu l-karozza taghhom hija ta' tmien mija w disghin euro (€890) u li nefqu €6.99 ghar-rapport tal-Pulizija. Dawn is-somom qed jigu ghalhekk likwidati.

Konkluzjoni

L-arbitru ghalhekk jiddeciedi l-arbitragg billi jilqa' t-talbiet attrici, isib l-intimat responsabbli ghall-incident u jikkundannah ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' tmien mija u sitta w disghin euru u disgha w disghin centezmu (€896.99) lir-rikorrenti bl-ispejjez u bl-imghax kif mitlub.**”**

Bl-appell tieghu l-intimat jiccensura l-lodo arbitrali bl-ilmenti f’din l-ordni:-

(1) Id-decizjoni fuq il-punt ta’ ligi hija *prima facie* miftuha ghal dubbju serju. Taht dan il-kap l-appellanti, wara li jirrikorri ghal certi principji regolanti l-apprezzament tal-provi fil-kaz ta’ verzjonijiet diametrikalment opposti, jissottometti illi l-Arbitru ghamel uzu minn valutazzjoni spekulattiva in kap ghall-konfigurazzjoni tal-hsarat fuq iz-zewg vetturi u dan wassal biex l-interpretazzjoni tieghu tad-dinamika ta’ l-incident kienet wahda zbaljata, illogika u ambigwa;

(2) Ukoll, l-Arbitru ghamel applikazzjoni errata tal-ligi ghal dik li hi interpretazzjoni ta’ l-obbligi tas-sewwieq li jkun qed jibdel id-direzzjoni tieghu tat-triq;

(3) Ankorke kien responsabbli, l-Arbitru xorta wahda kien legalment zbaljat meta ddetermina li ma osserva xejn hazin fis-sewqan ta’ l-appellat. Hawnhekk, l-appellanti jikkontendi illi l-appellat ma tax kaz tas-sinjali tieghu bl-*indicator* li kien jurih li hu ser idur fuq il-lemin, u

barra minn dan, l-appellat ma zammx id-distanza taz-zewg sekondi ghal liema jirreferu l-paragrafi 159, 219 u 279 tal-Kodici Stradali;

Kontra dan l-appell, l-appellati jissollevaw b'eccezzjoni preliminari l-inammissibilita` ta' l-appell u dan ghal motiv li dan ma jmissx il-"punt ta' ligi" li jiddetta l-Artikolu 70A tal-Kapitolu 387;

Huwa skontat mill-ezami tax-xhieda u mill-esposizzjoni tal-provi fil-lodo arbitrali illi l-kontendenti jipprovdu versjonijiet kuntrastanti ta' kif sehh l-incident. Kif senjalat minn din il-Qorti presjeduta mill-Onor. Imhallef Joseph Said Pullicino, meta hekk jigri l-Qorti kellha necessarjament tigi gwidata b'zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:-

1. "Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg versjonijiet bhala li tkun l-aktar kredibbli u attendibbli mill-ohra;

u 2. Fin-nuqqas, kellu japplika l-massima *actore non probante reus absolvitur*. Dan ghaliex anke f'kazi ta' din ix-xorta kien jispetta lill-attur illi jipprova l-premessi ghat-talbiet tieghu, l-iprem fosthom li r-responsabilita` ghas-sinistru kellha tigi akkollata lejn il-konvenuta". Ara "**Fogg Insurance Agencies Limited *nomine et* -vs- Maryanne Theuma**", 22 ta' Novembru, 2001;

Mill-indikaturi ta' fatt li l-Arbitru kellu quddiemu dan iddetermina illi bejn iz-zewg versjonijiet kienet taghmel prova indipendenti u oggettiva ghal fini tal-htija dik relattiva ghall-hsarat li garrbu z-zewg vetturi. Permezz taghha huwa rraguna illi l-versjoni ta' l-appellat kienet aktar attendibbli u kredibbli in kwantu kienet tikkorrobora u ssostni x-xhieda u s-sottomissjoni tieghu illi l-appellanti bidel id-direzzjoni tas-sewqan tieghu mix-xellug ghal lemin u tali manuvra holqot xkiel ghall-appellat transitanti ghad-dritt. F'dan l-apprezzament il-Qorti tistqarr li ma tirravviza ebda valutazzjoni spekulativa imma pjuttost osservazzjoni konkreta attinenti ghal dik ta' l-orjentament

gurisprudenzjali li tafferma illi min ikun ser jaghmel manuvra ta’ traversament ghandu qabel xejn jesplora u jassigura illi t-triq kienet libera b’mod li kienet tippermettilu li jista’ jibdiha, ikompliha u jtemm il-manuvra li xtaq jaghmel bla ma jikkreja perikolu ghalih innifsu u ghal vetturi oha. Ara “**Stefan Xuereb -vs- Maria Concetta Debono *et***”, Appell, 30 ta’ Marzu, 2001;

Gja qabel din kien rilevat illi “min ser jaqsam il-linja tat-traffiku ghandu juza diligenza partikolari biex ma jfixkelx u jintercetta t-triq ghat-traffiku ta’ quddiemu jew ta’ warajh u b’hekk johloq emergenza li generalment tavvera ruhha meta tinkiser il-prijorita` tas-sewqan” (“**Anton Gauci Maistre -vs- John Vassallo Grixti**”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 31 ta’ Mejju, 1969). Anke hawn il-Qorti sabet li l-kawza prossima tal-kollizjoni kienet il-manuvra imprudenti tal-konvenut li kiser fuq il-lemin tieghu minghajr ma kien cert li huwa seta’ jaghmel din il-manuvra minghajr perikolu ghat-traffiku ta’ warajh;

In bazi ghal dan li ntqal u attizi c-cirkustanzi tal-kaz konkret l-Arbitru sewwa stabilixxa illi l-konduzzjoni tas-sewqan mill-appellanti ma kienetx diligenti in kwantu dan naqas mill-ottemperanza mar-regolamenti specifici tal-Highway Code. L-appellanti jittanta jiggranfa f’din is-sede mal-prova liberatorja illi l-kawza tal-habta kellha tkun imputabbli lis-sewqan ta’ l-appellat ghaliex, skond il-fehma tieghu, il-kondotta fis-sewqan tieghu kienet inecepibbli. Ma’ dan, din il-Qorti fattwalment ma taqbelx, sew ghaliex il-kawza efficjenti ta’ l-incident ma tistax tkun oggettivament attribwibbli lill-appellat, sew ghaliex ukoll ir-responsabilita` ta’ l-appellanti, mill-provi verifikati, ghandha rabta qawwija mal-mod tas-sewqan tieghu, u l-produzzjoni tad-danni fil-vettura ta’ l-appellat huwa r-rizultat ta’ dan il-komportament soggettiv tieghu. Huwa inutili li l-appellanti jikkontendi illi hu ta preavviz permezz tas-sinjal bl-*indicator* li kien ser idur ghal fuq il-lemin ghax, accettat *gratia argomenti* li hekk ghamel, dak l-istess sinjal jew kien tardiv jew insufficjenti ghal fatt tal-presenza vicina tal-vettura ta’ l-appellat. Huwa wkoll inutli, jekk mhux ukoll

futili, illi l-appellanti jaddebita lill-appellat bl-inosservanza tad-distanza ta' sikurezza ghaliex f'dan il-kaz din ma toperax in kwantu, qabel l-iskontru, il-vetturi ma kienux wara xulxin fl-istess karreggjata preciza tat-triq;

Premess dan, il-Qorti ssoffermat fuq l-aggravji ta' l-appell mhux ghaliex kellha ghalfejn strettament taghmel dan, gjaladarba dawn ma jmissux il-punt ta' ligi a norma tad-disposizzjoni rilevanti taht il-Kapitolu 387. Ghamlitu biss biex turi illi lanqas fil-mertu u fuq il-principji tad-dritt u tal-gurisprudenza rilevanti, l-appellanti ma ghandu ragun fis-sottomissjoni tieghu censuranti l-apprezzament fattwali maghmul mill-Arbitru. Mill-kumplament, il-Qorti tirribadixxi l-affermazzjoni propositiva illi "mhux sufficjenti s-semplici kritika tad-decizjoni sfavorevoli formulata bi prospettazzjoni ta' interpretazzjoni diversa u aktar favorevoli minn dik adottata mill-Arbitru. Dan ghaliex kritika f'din id-direzzjoni ma tistax hlief titraduci ruhha, in sostanza, ghal talba ta' l-accertament *ex novo* tal-fatti tal-kaz u dan, kif gja rilevat, hu inammissibbli" ("**Maryanne Scicluna -vs- Dr. Daniela Chetcuti**", Appell, 14 ta' Marzu, 2007).

Ghal dawn il-motivi kollha l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata, ikkonfermata, bl-ispejjez kontra l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------